**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 38/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**David Pace**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis* u kontra l-appellant **David Pace**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 475573(M)**,** akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-15 ta' Diċembru 2017, u fil-ġranet u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa l-Mosta u limiti tagħha, f'dawn il-Gżejjer:

1. żammew annimali, għall-għan li jipproduċu prodotti tal-annimali u żammew annimali marbutin, f'bini, f'imqajjel, f'gaġeġ jew postijiet oħra ta' din ix-xorta sakemm ma

jappartjenux f' kull ispecje jew kategorija ta' annimali kif jigi stabbilit f'regolamenti preskritti taħt l-Att tat-Trattament Xieraq tal-Annimali;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuni responsabbli li jżommu jew jaqblu li jżżommu l-annimali, ħallew annimali jigu mġiegħla jsofru wġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bzonn;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuni responsabbli li jżommu jew jaqblu li jżommu l-annimali, ma kinux responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuni responsabbli li jżommu jew jaqblu li jżommu l-annimali, kellhom jieħdu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' annimali li huma responsabbli għalihom, jew li qablu li jieħdu ħsiebhom, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali li tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġiba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ u protezzjoni minn ugiegħ, tbatija, korrimenti u mard;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuni responsabbli li jżommu jew li jaqblu li jżommu l-annimali, żammew klieb t'erba' xhur jew aktar mingħajr licenzja;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuni responsabbli li jzommu jew li jaqblu li jżommu l-annimali, ma avzawx fi żmien sebat ijiem meta kelb li jkollu licenzja jmut jew jiġi trasferit minn sidu jew mid-detentur tiegħu;

<u>Lil David Pace waħdu talli</u>:

7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ingurja, hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi

minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

8. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-liġi għas-servizz pubbliku, filwaqt li kienu nkarigati skont il-ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija lilhom skond il-liġi mill-awtoritajiet kompetenti;

9. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PS 1030 Clinton Theuma (ċertifikat minn Dr. M. Baldacchino 3556), PC 1391 Matthew Camilleri (ċertifikat minn Dr. Julian Grima 3589), PC 1455 Daniel Frendo (ċertifikat minn Dr. Julian Grima 3589), PS 691 Juan Mula Debono (ċertifikat minn Dr. Amalia Camilleri Bonello 2541);

10. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D.) fl-24 ta' April 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, flimkien mal-pieni, tordna li jitħallsu l-ispejjeż mġarrba għat-trattament, rilokazzjoni u/jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attivita' regolata taħt l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 49, 95, 96(a), 221(1) u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta, Artikoli 7(1)(a)(b)(c), 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, u Regolamenti 5(2)(10) u 11 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u

- ikkundannatu sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' (4) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza;

- ikkundannatu wkoll għall-ħlas ta' multa ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) pagabbli fi żmien tliet snin minn dakinhar tas-sentenza;

- spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza;

- wara li rat Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont ta' elfejn, erba' mija u ħmistax il-Euro (€2,415) rappreżentanti nofs l-ispejjeż peritali;

- ordnat li l-annimali kollha li jissemmew fir-rapporti tal-*Animal Welfare Department* u li jinsabu miżmumin għand terzi inkluż ż-żwiemel miżmuma fis-Sezzjoni tal-Kavallerija tal-Pulizija, jgħaddu immedjatament taħt il-kustodja tal-istess *Animal Welfare Department* b'dan illi dan id-Dipartiment ġie awtorizzat, f'każ li jiġi deċiż minnu li tali annimali ma jistgħux jinżammu minnu, li permezz ta' talba magħmula appożitament jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex l-annimali kkonċernati jew xi wieħed minnhom jgħaddu fl-affidament ta' terzi;

- il-Qorti ġiet prekluża milli tapplika d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta peress li

tali spejjeż baqgħu ma ġewx konfermati bil-ġurament mid-dipartiment ikkonċernat u lanqas ma ġew kwantifikati fl-intier tagħhom;

- *ai termini* ta' Regolament 5(9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja L.S. 437.101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat ġie projbit milli jkollu kelb jew milli japplika għal xi liċenzja oħra ta' kelb għal żmien ħmistax (15) il-sena minn dakinhar tas-sentenza;

- ġie sottolineat li f'Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta ma tinsab l-ebda dispożizzjoni simili li tippermetti l-Qorti, wara sejbien ta' ħtija għall-ksur ta' xi dispożizzjoni taħt il-Kapitolu, li tipprojbixxi lill-ħati milli japplika, jakkwista jew iżomm liċenzja għal perjodu ta' żmien skont kif tista' tiddetermina l-Qorti;

- l-Ewwel Qorti qalet li għalkemm il-Prosekuzzjoni talbet ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attivita' regolata taħt Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u għal spejjeż oħra, minn imkien ma rriżulta li l-Qorti kellha s-setgħa jew xi poter li tagħmel dan b'dan illi l-Ewwel Qorti nnutat li l-artikolu rilevanti hu proprju Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta li jinvesti b'din is-setgħa unikament lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jew lill-uffiċjal li għandhom dawn is-setgħat u b'hekk din it-talba ġiet miċħuda;

- ordnat li din is-sentenza għandha tintbagħat lil Ministru għal Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali u lill-Ministru għall-Ġustizzja.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fejn illiberat lill-appellanta [recte: appellant] mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *fejn sabitu ħati tal-bqija tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, tiddikjarah mhux ħati tagħhom u*

*konsegwentement tilliberah minnhom; u fin-nuqqas ta' dan* **TIRRIFORMA** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Frar 2020. Għal kull buon fini jingħad li l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fil-konfront tal-appellant David Pace biss u dan minkejja li quddiem l-imsemmija Qorti kienu oriġinarjament tressqu u mixlija kemm l-appellant David Pace u kif ukoll missieru Carmel Pace. Mill-verbal tas-seduta miżmuma fil-25 ta' Lulju 2018 (*a fol.* 24) quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn David Pace u Carmel Pace, liema talba ġiet milquta dakinhar stess mill-Qorti msemmija.

Illi mill-atti proċesswali jirriżuta li Uffiċjali tal-Pulizija mid-diviżjoni tal-ALE kienu qed isegwu *eviction order* tal-art li kienet għand l-appellanti u sabu diversi annimali fi stat ħażin. Huma kkuntattjaw lill-appellant biex imur fuq il-post iżda dan, skont ir-

rapport redatt mill-Pulizija, beda jhedded u jinsulenta lill-uffiċjal tal-Pulizija. Aktar tard beda jsabbat fuq il-*windscreen* u Pace qabad lil PS 1167 David Fenech minn għonqu u kien hawn li sar l-arrest.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda apprezzament ħażin tal-provi u tal-liġi. Hawnhekk l-appellant jisħaq li skont il-liġi l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha *beyond reasonable doubt*. L-appellant jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi u awturi li din il-Qorti qrat pero' ma tarax il-ħtieġa li toqgħod tirriproduċihom hawn taħt. Huwa jaqsam dan l-aggravju fis-segwenti:

- Apprezzament ħażin tal-ewwel sitt imputazzjonijiet: Jiċħad li hu immaltratta lill-annimali anzi qal li hu jieħu ħsiebhom tant li ta s-saħħa lil xi annimali li kienu fi stat ħażin meta xtrahom. Jgħid li ppanikkja x'ħin ra lill-Pulizija jħabbtu 'l missieru mal-ħajt. Jisħaq li kien jagħlef lill-annimali u jagħtihom il-mediċini u li l-eks tfajla xehdet li ma kienux iħallu l-annimali bil-ġuħ u li hi kienet tonfoq madwar elfejn (€2000)/elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) fix-xahar. Jgħid li ma jeżistux l-elementi formali u materjali fl-ewwel sitt imputazzjonijiet.

- Apprezzament ħażin tal-provi fir-rigward tas-seba' (7), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni: Jirreferi għal Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jelenka l-elementi ta' dan l-artikolu. Jirreferi wkoll għal Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li hu ra lil missieru jinġibed minn saqajh mill-Pulizija u jinstabat dahru mal-art u ra l-Pulizija jsabbtulu rasu mal-ħajt. Jgħid ukoll li hu kien qal lill-Pulizija biex jerħulu lil missieru għaliex dak kien bniedem marid. Isostni li mhux minnu li hu aggredixxa, hedded u offenda lill-uffiċjali tal-Pulizija.

Illi din il-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju billi tgħid li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun ġiet għall-konklużjoni tagħha loġikament u legalment. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

<u>L-ewwel sitt imputazzjonijiet</u>:
Illi l-ewwel erba' imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant għandhom x'jaqsmu mat-trattament tal-annimali. Iż-żewġ imputazzjonijiet ta' warajhom huma dwar in-nuqqas ta' żamma ta' klieb mingħajr liċenzja u n-nuqqas li jingħata avviż

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

meta kelb li jkollu liċenzja imut jew jiġi trasferit minn sidu jew mid-detentur tiegħu.

Illi din l-Qorti qieset l-evidenza kollha u r-rapporti li kienu ppreżentati matul is-smigħ ta' dan il-każ. Eżaminat ukoll sew dak li xehed l-appellant innifsu kif ukoll dak li qalu x-xhieda li huwa ressaq fil-fażi tad-difiża tiegħu. Jirriżulta mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li l-annimali ma kinux qed jinżammu sew. Saħanistra kien hemm klieb marbutin bil-ktajjen u l-post kien maħmuġ u mitluq. L-uffiċjali tal-*Animal Welfare* kienu diġa' ntebħu bin-nuqqasijiet serji f'Lulju 2017 iżda meta marru lura fuq il-post f'Diċembru 2017 ma sabux xi sitwazzjoni aħjar. Diġa' kienu raw żwiemel magħlubin kif ukoll klieb mhux iċċipjati u qalu lill-appellant x'tip ta' ikel kellu jagħti lill-annimali. Apparti minn dan, fit-tieni żjara rriżulta li ma kinitx qed tingħata kura medika suret in-nies.

Illi mill-provi jirriżulta li forsi l-appellant ma kellux introjtu ta' flus biżżejjed biex ilaħħaq mal-ispejjeż. Imma f'dak il-każ ma kellux jintriga bl-annimali jekk id-dħul tiegħu kien limitat. M'għandux jinħaqar annimal għaliex sidu jagħżel li jżommu bla ma jkun jista' jleħħaq biex iħallas il-bżonnijiet bażiċi. Lanqas ma hija skuża aċċettabbli għaliex id-Dipartiment tal-Lands kienu qalulu biex joħroġ mill-art tal-Biżbiżija. Jirriżulta saħansitra li wieħed mill-uffiċjali (Joseph Cassar – *a fol.* 331-332) kien qallu x'għandu jagħmel permezz tat-telefon waqt li mix-xiehda ta' Dr. Luke Vella Verzin (*a fol.* 226 *et seq.*) jirriżulta wkoll li dan, matul l-ispezzjoni, kien għamel ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-ikel. Dan sab li l-appellant lanqas kien ħa ħsieb snien iż-żwiemel kull sitt xhur kif suppost u dawn iż-żwiemel ġew biss għall-aħjar wara li għaddew għand il-Pulizija. Jingħad li żiemel bilfors jibqa' rqieq jekk ma jkunux ħadu ħsieb ta' snienu għaliex iż-żiemel ma jkunx jista' jkisser l-ikel.

Illi Dr. Vanessa Messina (*a fol* 173 *et seq.*) ġiet murija r-rapport immarkat bħala Dok. "NV 2" (*a fol.* 158 *et seq.*) li huwa dwar spezzjoni li saret fil-15 ta' Diċembru 2017. Hija ddeskriviet il-kondizzjonijiet bħala orribbli, bla indafa u qalet li l-annimali kienu

bil-ġuħ. Tgħid li xi wħud kellhom feriti minħabba nuqqas ta' proteini u tgħid ukoll li kien hemm annimali bil-*micro-chip* imma din ma kinitx reġistrata fin-*National Livestock Database*.

Illi kien hemm ħafna klieb li lanqas biss kienu ċċipjati bix-xhud Joseph Cassar jiddeskrivihom bħala skeletri. Minkejja li lill-appellant kienu diġa' qalulu biex jirreġistrahom meta marru f'Lulju imma f'Diċembru ma kien xar xejn minn dak li kienu talbuh jagħmel f'Lulju.

Illi r-ritratti eżebiti ma jħallu ebda dubju dwar l-istat ħażin taż-żwiemel u tal-klieb. Xi wħud mill-klieb kellhom *scarring* madwar għonqhom (*a fol.* 467 *et seq.*) minħabba li kienu jintrabtu għal żmien twil.

Illi din il-Qorti tinnota li m'hemm ebda dubju dwar li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fi grad li titlob il-liġi li kien hemm klieb mhux iċċipjati u li lanqas kien għamel it-trasferimenti ta' dawk il-klieb li ma kinux reġistrati fuqu.

Illi filwaqt li jiġi nnutat li tressqu numru sew ta' xhieda li jixirqilhom li jitwemmnu għaliex dawn kienu qed iwettqu xogħolhom kif suppost, jiġi nnutat ukoll li la x-xiehda tal-appellant u lanqas tax-xhieda mressqa minnu ma hija biżżejjed biex toħloq xi dubju dwar l-istat li kienu fih l-annimali meta kienu qed jinżammu mill-appellant u dwar in-nuqqasijiet l-oħra ndikati.

Għaldaqstant isegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel sitt imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u għaldaqstant l-ewwel aggravju fejn jirrigwarda lilhom qed ikun miċħud.

<u>Is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni</u>:
Illi dawn l-imputazzjonijiet għandhom x'jaqsmu mal-attakk, reżistenza u offiżi fuq uffiċjali pubbliċi.

Illi dwar ir-reat li jaqa' taħt Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (Second Year – Criminal Law) il-**Professur Sir Anthony Mamo** jikteb hekk:

> *"This provision does not call for any special notice in addition to what we have already said in connection with the offence dealt with in Section 92. The material and the moral elements are the same. What is different is the person upon whom the outrage is committed. The victim in this offence can be any person lawfully charged with a public duty other than a Judge, the Attorney General, a Magistrate or a Juror. [...]*
>
> *This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc. of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo mbagħad jikkwota mis-sentenza fl-ismijiet **The Police vs. Giuseppe Borg** mogħtija fl-24 ta' Novembru 1917 fejn il-Qorti tal-Appell qalet bl-aktar mod ċar li dan l-artikolu japplika wkoll jekk l-uffiċjal pubbliku ma jkunx liebes l-uniformi.

Illi dwar ir-reat li jaqa' taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk fin-Noti tiegħu:

> *'The first element of this crime consists in an attack or resistance. [...] It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of the lawful orders of the competent authorities that the crime of attack or resistance with which we are now dealing can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those who are charged therewith. [...]*

*Such attack or resistance must be made with violence or active force."*

Aktar tard il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid hekk:

*"[...M]ere insults or threats without the actual use of force would not be sufficient."*

Illi fir-rigward tar-reat taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Attard**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jrid ikun hemm mhux biss attakk jew oppożizzjoni ossia reżistenza kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda wkoll li dana l-attakk jew reżistenza isir bi vjolenza jew b'ħebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompeteni. Meta uffiċjal tal-Pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi ħadd, jew ikun effettivament qed jipproċedi biex jarresta lil xi ħadd, jew ikun ġa' arresta u qed iżomm lil xi ħadd arrestat, huwa jkun ċertament qiegħed jesegwixxi l-liġi. Iżda meta uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed jipprova jipperswadi lil xi ħadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u għalhekk mingħajr ma dak il-Pulizija jeżerċita s-setgħa tiegħu li jarresta, ma jistax jingħad li dak il-Pulizija jkun qed jaġixxi "għall-esekuzzjoni tal-ligi" fis-sens ta' l-Artikolu 96, għalkemm huwa jkun qiegħed jagħmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95."

Illi mbagħad fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** (Numru 130/2002), l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dana l-Artikolu [Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed taġixxi <u>għall-esekuzzjoni tal-liġi</u> jew <u>ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorita' kompetenti</u>". Din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan <u>is-servizz</u>, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-<u>esekuzzjoni ta' dan is-servizz</u>"."

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellant beda jissara ma' PS 1030 Clinton Theuma u rwielu jdejh u weġġgħu. Xhud ieħor PC 1391 Matthew Mike Camilleri qal li l-appellant beda jipprova jħebb għall-Pulizija u ppruvaw jikkalmawh iżda ma riedx jikkalma. Ix-xhud sema' lis-surġent jgħajjat bl-uġigħ fejn wara rriżulta li l-appellant kien gidem lil dan il-Pulizija. Ma' dawn din il-Qorti żżid tinnota li PS 691 Juan Mula Debono qal hekk (*a fol.* 258): *"Wara ftit baxxa rasu u gidimni f'subgħajja l-kbir tan-naħa tal-lemin. Ħassejt weġgħa kbira u beda jtini b'saqajh b'lura."*

Illi qabel ma seħħ dak li ngħad jirriżulta li l-appellant kien diġa' beda jsabbat mal-vann tal-kavallerija, beda jsir aggressiv u wieħed mill-Pulizija (PC 1455 Daniel Frendo) waqa'. Lanqas hemm dubju dwar il-ġrieħi sofferti minn PS 1030 Clinton Theuma, PS 691 Juan Mula Debono, PC 1455 Daniel Frendo u PC 1391 Matthew Camilleri għaliex l-offiżi ta' natura ħafifa kienu kkonfermati b'ċertifikati mediċi.

Illi m'hemmx dubju li r-reżistenza u ħebb li għamel l-appellant jaqa' taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tas-seba' (7), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni. B'hekk anke t-tieni parti tal-ewwel aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jisħaq din il-piena hija waħda eċċessiva u li l-piena ma għandha qatt isservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun ġarrbet il-vittma jew il-familjari tagħha minħabba s-sinistru. Bħal l-ewwel aggravju, anke hawn l-appellant jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi. Jgħid li f'dan il-każ l-appellant ma għandux fedina penali allarmanti u li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ma ħolqitx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Jagħlaq l-aggravju billi jgħid li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda sproporzjonata u eċċessiva.

Illi dwar dan l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva

meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt li mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti qieset il-konkors formali tar-reati u applikat Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u applikat ukoll, fost l-oħrajn, il-piena marbuta ma' Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta kif kienet fiż-żmien ir-reati qabel ma saru l-emendi. Ovvjament hemm ukoll l-imputazzjonijiet l-oħra, fosthom is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni b'dan illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat is-seba' (7) u d-disa' (9) imputazzjoni bħala assorbiti fit-tmien (8) imputazzjoni.

Illi l-Qorti tqis li dan ma kienx każ ta' annimal wieħed iżda ta' diversi u li l-appellant kellu żjara oħra mill-awtoritajiet, ingħata l-pariri u hu baqa' ma segwihomx.

Illi, meħud dan t'hawn fuq in konsiderazzjoni, din il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata. Għaldaqstant, it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant David Pace u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

In vista tal-fatt li l-Ewwel Qorti ordnat li s-sentenza appellata tintbagħat lil Ministri msemmija fis-sentenza tagħha, din il-Qorti tordna li din is-sentenza tal-lum ukoll tiġi notifikata lilhom.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**